# L-Istatistika tal-Affiljati Barranin: 2024

NR 163/2026 | L-Istatistika Strutturali tan-Negozju | Data tal-Ħruġ: **16/09/2026**






## Il-Punti ewlenin

- L-intrapriżi ta' daqs kbir komplew jiddominaw fi ħdan l-intrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż.
- 90.6 fil-mija tal-Valur miżjud fil-qasam tal-Attivitajiet tal-logħob tal-azzard u tal-imħatri kien iġġenerat minn intrapriżi taħt kontroll barrani.
- L-Investiment gross f'assi tanġibbli mhux kurrenti ta' intrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż kważi rdoppja u kien l-aktar dominanti fil-qasam tal-Attivitajiet ta' servizzi ta' mobbiltà, loġistika u ospitalità.
- Residenti ta' pajjiżi Ewropej, inklużi l-istati mhux membri tal-UE, ikkontrollaw 74.6 fil-mija tal-intrapriżi barranin f'Malta.
- Affiljati barranin ikkontrollati minn residenti Maltin iġġeneraw €2.1 biljun f'Fatturat nett u ħaddmu 15,611-il persuna fi 58 pajjiż madwar id-dinja.

## Il-Kummentarju

*L-intrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż kienu jgħoddu 2.6 fil-mija tal-intrapriżi kollha tal-ekonomija kummerċjali mhux finanzjarja u kkontribwew 62.0 fil-mija tal-Valur kollu tal-output.*

L-istatistika dwar l-affiljati barranin ta' kumpaniji f'Malta (IFATS) tagħti tagħrif dwar l-istruttura ta' kontroll ta' intrapriżi li joperaw fl-ekonomija Maltija. Din l-istatistika tikkomplementa l-Istatistika Strutturali tan-Negozju (SBS) billi tipprovdi informazzjoni dwar l-intrapriżi Maltin li huma kkontrollati minn entitajiet barranin.

Min-naħa l-oħra, l-Istatistika dwar affiljati Maltin ta' kumpaniji li jinsabu barra minn Malta (OFATS) tiddeskrivi l-attivitajiet ta' intrapriżi barra mill-pajjiż li huma kkontrollati minn entitajiet residenti f'Malta. Intrapriża titqies bħala ta' sjieda Maltija jekk aktar minn 50 fil-mija tal-interess ta' kontroll aħħari tagħha jkun ta' entità residenti f'Malta.

Fl-2024, l-intrapriżi kkontrollati minn residenti rreġistraw żidiet fil-biċċa l-kbira tal-varjabbli ewlenin, filwaqt li l-intrapriżi kkontrollati minn barra rreġistraw tkabbir f'għadd ta' indikaturi ewlenin, b'mod partikulari fil-Fatturat nett, fil-Valur miżjud u fl-Investiment gross f'assi tanġibbli mhux kurrenti. L-għadd sħiħ ta' negozji tela' b'5.3 fil-mija, minn 55,033 fl-2023 għal 57,970 fl-2024.

L-għadd ta' persuni impjegati żdied b'5.8 fil-mija b'mod ġenerali, għad illi l-impjiegi fost l-intrapriżi kkontrollati minn barra naqsu b'1.1 fil-mija, filwaqt li dak tal-intrapriżi kkontrollati minn residenti tela' b'7.4 fil-mija. L-ispiża tal-benefiċċji tal-impjegati telgħet b'€659.2 miljun għal €6,330.2 miljun, bl-intrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż jirreġistraw żieda ta' 8.0 fil-mija minkejja t-tnaqqis żgħir fl-impjiegi.

L-Investiment gross f'assi tanġibbli mhux kurrenti żdied b'39.4 fil-mija, prinċipalment xprunat minn żieda ta' 99.8 fil-mija fost l-intrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż, filwaqt li l-intrapriżi kkontrollati minn residenti rreġistraw tnaqqis ta' 7.0 fil-mija.

Minkejja li jagħmlu biss 2.6 fil-mija tan-negozji, l-intrapriżi kkontrollati minn barra kellhom l-akbar sehem mill-Fatturat nett, il-Valur tal-output, il-Qligħ operattiv gross u l-Investiment gross f'assi tanġibbli mhux kurrenti (Tabella nru 1, Ċart nru 1).

**Ċart nru 1. Il-varjabbli ewlenin tal-intrapriżi kkontrollati minn residenti u tal-intrapriżi kkontrollati minn barra fl-ekonomija kummerċjali mhux finanzjarja**




**Il-ħidma bil-klassi tad-daqs**

Fl-2024, l-intrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż kellhom prestazzjonijiet mħallta fost il-klassifikazzjonijiet differenti tad-daqs. L-intrapriżi ta' daqs kbir komplew jiddominaw fi ħdan l-intrapriżi kkontrollati minn barra, u kellhom 73.2 fil-mija tal-Valur miżjud, 57.7 fil-mija tal-persuni impjegati, u 59.1 fil-mija tal-ispiża tal-benefiċċji tal-impjegati.

Fost l-intrapriżi kkontrollati minn barra, il-Valur miżjud għall-intrapriżi ta' daqs medju żdied b'24.3 fil-mija, filwaqt li l-Qligħ operattiv gross tela' bi 30.0 fil-mija. L-intrapriżi ta' daqs żgħir irreġistraw żieda aktar qawwija fil-Valur miżjud, li laħqet l-34.1 fil-mija, filwaqt li l-Qligħ operattiv gross aktar milli rdoppja, minn €83.4 miljun għal €171.7 miljun. L-intrapriżi ta' daqs kbir u l-mikrointrapriżi kienu l-uniċi kategoriji tad-daqs li rreġistraw tnaqqis fil-Valur miżjud, tnaqqis ta' 1.0 fil-mija u ta' 5.9 fil-mija, rispettivament (Tabella nru 2).

**Il-prestazzjoni ta' intrapriżi żgħar b'kapitalizzazzjoni medja (SMCs)**

Fl-2024, l-intrapriżi żgħar b'kapitalizzazzjoni medja (SMCs) fi ħdan l-intrapriżi kkontrollati minn barra kienu jinkludu 19-il negozju, tnaqqis minn 23 fl-2023, u ġġeneraw €522.4 miljun f'Valur miżjud, li jammonta għal 8.2 fil-mija tal-Valur miżjud kollu fost l-intrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż.

L-SMCs irreġistraw tnaqqis fil-varjabbli kollha ħlief għall-Investiment gross f'assi tanġibbli mhux kurrenti. L-għadd ta' persuni impjegati, il-Valur miżjud u l-ispejjeż tal-benefiċċji tal-impjegati rreġistratiaw tnaqqis ta' 16.6 fil-mija, 21.7 fil-mija u 9.7 fil-mija, rispettivament. L-Investiment gross f'assi tanġibbli mhux kurrenti kważi rdoppja, u minn €55.3 miljun tela' għal €110.2 miljuni (Tabella nru 2).

**Ċart nru 2. It-taqsim tal-intrapriżi kkontrollati minn residenti u tal-intrapriżi kkontrollati minn barra fl-ekonomija kummerċjali mhux finanzjarja, bil-Valur miżjud, il-klassi tad-daqs u l-intrapriżi żgħar b'kapitalizzazzjoni medja**




**Indikaturi ewlenin fl-oqsma tal-attività**

Fl-2024, il-qasam tas-Soluzzjonijiet teknoloġiċi, is-servizzi professjonali u ta' appoġġ għan-negozju (Taqsimiet tan-NACE J, M u N) kellu l-akbar żieda nominali fil-Valur miżjud fost l-intrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż, li żdied bi €329.5 miljun. Dan il-qasam kellu wkoll l-akbar sehem ta' persuni impjegati taħt kontroll barrani, b'36.7 fil-mija.

L-industrija (Taqsimiet tan-NACE minn B sa E), it-tieni l-akbar qasam li jħaddem nies taħt kontroll barrani, ħadmet 24.6 fil-mija tal-persuni impjegati. Il-valur miżjud naqas b'7.0 fil-mija u l-Qligħ operattiv gross b'20.7 fil-mija. Il-qasam tal-attivitajiet tal-logħob tal-azzard u tal-imħatri (Diviżjoni tan-NACE R92) irreġistra tnaqqis ta' 12.9 fil-mija fil-Valur miżjud u 18.7 fil-mija fil-Qligħ operattiv gross, fost l-intrapriżi kkontrollati minn barra.

Fi ħdan l-intrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż, kienu rreġistrati żidiet f'diversi oqsma oħra ta' attivitajiet. Il-Fatturat nett fl-Attivitajiet ta' servizzi ta' mobbiltà, loġistika u ospitalità (Taqsimiet tan-NACE H, I u L) żdied b'14.2 fil-mija, filwaqt li l-Investiment gross f'assi tanġibbli mhux kurrenti tela' minn €463.1 miljun għal €1,232.1 miljun. Il-kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut (Taqsima tan-NACE G) irreġistra żieda ta' 24.3 fil-mija fil-Valur miżjud u żieda ta' 57.4 fil-mija fil-Fatturat nett (Tabella nru 3).

**Ċart nru 3. It-taqsim tal-intrapriżi kkontrollati minn residenti u tal-intrapriżi kkontrollati minn barra fl-ekonomija kummerċjali mhux finanzjarja Maltija, bil-qasam ta' attività u varjabbli ewlenin**




**L-indikaturi ewlenin bir-reġjun**

Fl-2024, il-pajjiżi Ewropej, li jinkludu kemm l-Istati Membri tal-UE u kemm dawk li ma humiex, baqgħu jiddominaw il-kontroll tal-intrapriżi kkontrollati minn barra, u ammontaw għal 74.6 fil-mija tal-intrapriżi kollha fi ħdan l-ekonomija kummerċjali mhux finanzjarja. Residenti ta' Stati mhux membri tal-UE kellhom kontroll fuq 860 negozju, li jirrappreżentaw 57.3 fil-mija tal-affiljati kollha kkontrollati minn barra fi ħdan l-ekonomija kummerċjali mhux finanzjarja Maltija. Dawn kienu jgħoddu 46.2 fil-mija tal-Valur miżjud u 43.4 fil-mija tal-Qligħ operattiv gross taħt kontroll barrani. L-investiment gross f'assi tanġibbli mhux kurrenti f'din il-kategorija żdied b'aktar mid-doppju, minn €564.0 miljun fl-2023 għal €1,181.4 miljun fl-2024.

Fost l-Istati li mhumiex membri fl-UE, l-intrapriżi kkontrollati mill-Ewropa rreġistraw l-akbar Valur miżjud, Qligħ operattiv gross u għadd ta' nies jaħdmu bi €1,737.1 miljun, €1,287.8 miljun u 9,075 persuna, rispettivament. Intrapriżi taħt kontroll Asjatiku rreġistraw tkabbir fil-Fatturat nett, li tela' minn €3,965.6 miljun fl-2023 għal €5,202.4 miljuni fl-2024. L-intrapriżi kkontrollati mill-Amerka rreġistraw tnaqqis kemm fl-għadd ta' persuni li jħaddmu kif ukoll fil-Valur miżjud, li niżlu b'27.6 fil-mija u bi 17.2 fil-mija, rispettivament.

Għalkemm l-affiljati kkontrollati mill-Istati Membri tal-UE kienu inqas minn dawk ikkontrollati minn stati mhux membri tal-UE, huma ġġeneraw iżjed Valur miżjud u Qligħ operattiv gross. Huma ħaddmu 21,847 persuna, li jirrappreżentaw 48.6 fil-mija tal-għadd sħiħ ta' nies jaħdmu taħt kontroll barrani, u rreġistraw €930.2 miljun fi Spiża tal-benefiċċji tal-impjegati, żieda ta' 9.6 fil-mija fuq is-sena ta' qabel (Tabella nru 4).

**Ċart nru 4. Il-Valur miżjud iġġenerat minn intrapriżi ta' sidien barranin fl-ekonomija kummerċjali mhux finanzjarja Maltija, bir-reġjun ġeografiku**




Nota: Din iċ-ċart ma turix valuri negattivi. Persentaġġ żgħir ta' intrapriżi kkontrollati mill-Oċeanja għandhom valuri negattivi.

**L-indikaturi ewlenin bil-pajjiż**

Ir-Renju Unit, l-Italja, l-Istati Uniti u l-Ġermanja baqgħu l-pajjiżi li jikkontrollaw l-akbar ammont ta' affiljati barranin f'Malta, li jgħoddu b'kollox 562 negozju. Din hija żieda ta' 42 negozju fuq is-sena ta' qabel.

Għalkemm l-Iżvezja ma tinsabx fost l-erba' pajjiżi li jikkontrollaw l-akbar għadd ta' affiljati barranin, l-intrapriżi kkontrollati mill-Iżvezja rreġistraw l-akbar Valur miżjud (€1,680.1 miljun) u t-tieni l-akbar għadd ta' persuni impjegati (5,955), wara r-Renju Unit (Tabella nru 5).

**Ċart nru 5. Intrapriżi kkontrollati minn barra fl-ekonomija kummerċjali mhux finanzjarja: Fatturat nett, Persuni impjegati, u Valur miżjud (Daqs tal-isfera), bil-pajjiż magħżul**




**Affiljati barranin ikkontrollati minn residenti Maltin**

Affiljati barranin ikkontrollati minn residenti Maltin fi 58 pajjiż madwar id-dinja ġġeneraw €2,074.0 miljun f'Fatturat nett, li jirrappreżenta żieda ta' 8.9 fil-mija fuq is-sena ta' qabel. Affiljati barranin ikkontrollati minn residenti f'Malta ġġeneraw il-biċċa l-kbira tal-Fatturat nett tagħhom fi Stati Membri tal-UE, b'€1,409.1 miljun jew 67.9 fil-mija tat-total. Dan fisser żieda ta' 8.5 fil-mija fuq is-sena ta' qabel.

Fl-2024, il-persuni jaħdmu f'affiljati barranin ikkontrollati minn Malta kienu jgħoddu 15,611, tnaqqis ta' 5.9 fil-mija mis-16,582 tal-2023. L-impjiegi baqgħu fil-biċċa l-kbira fl-Istati Membri tal-UE, bi 12,173 persuna impjegati jew 78.0 fil-mija tal-impjiegi kollha (Tabella nru 6).

Ir-Rumanija kellha l-akbar sehem ta' impjiegi f'affiljati barranin ta' sjieda Maltija fl-2024, b'5,141 ħaddiem, minkejja tnaqqis ta' 16.8 fil-mija meta mqabbel mal-2023 (Tabella nru 7).

**Mappa nru 1. Il-preżenza dinjija ta' intrapriżi kkontrollati minn residenti Maltin: Il-Fatturat nett iġġenerat f'ekonomiji barranin**




**Il-Globalizzazzjoni u l-Istatistika tan-Negozju**

**Stqarrijiet tal-Aħbarijiet Oħra**

- It-Tranżazzjonijiet Ekonomiċi u Finanzjarji Internazzjonali: K1/2026
- It-Tranżazzjonijiet Ekonomiċi u Finanzjarji Internazzjonali: K4/2025
- Il-Pożizzjoni tal-Investiment Internazzjonali: K4/2025
- L-Investiment Dirett f'Malta u Barra: Jannar-Ġunju 2025
- It-Tranżazzjonijiet Ekonomiċi u Finanzjarji Internazzjonali: K3/2025

**Temi Oħra Relatati**

- Il-Bilanċ tal-Pagamenti
- Il-Kummerċ Internazzjonali tal-Merkanzija
- L-Istatistika Strutturali tan-Negozju

**Għal mistoqsijiet ikkuntattja:**

business.nso@gov.mt

**Għal aktar data, jekk jogħġbok żur:**

L-Indikaturi Magħżula